**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Joseph Camilleri**

**Vs**

**Resin & Membrane Centre**

**CCT 46/22/MM**

Illum, 30 ta' Jannar 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-17 ta' Marzu 2022 fejn talab is-somma ta' Euro 550 (liema somma giet aggustata seduta stante nhar il-4 ta' Ottubru, 2022) rapprezentanti il-prezz tal-materjal mixtri inutilment.

Illi l-intimat intavola r-risposta tieghu nhar is-17 ta' Mejju 2022 fejn eccepixxa li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt filwaqt li jaghmel referenza ghal ittra datata 28 ta' Settembru 2021 li fiha gie sojegat lir-rikorrenti ghaliex l-applikazzjoni tal-prodott ma rnexxietx u dan ghal ragunijiet unikament attribwibbli lir-rikorrenti kif ukoll li r-rikorrenti kellu fil-pussess tieghu skeda teknika tal-prodott li kienet turi b'mod evidenti li l-materjal mixtri kien mahsub u prodott ghall-pixxina u mhux biex jigi applikat fuq il-madum.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

**Ikkunsidra**

Illi mill-fatti tal-kaz jirrizulta li l-ilment primarju tar-rikorrenti jirrigwarda l-allegazzjoni maghmulha mir-rikorrenti li gie mibjugh lilu prodott hazin mill-intimat. Hu jenfasizza li minkejja li kien hemm diskrepanza kemm fuq l-istruzzjonijiet indikati fuq it-tabella u dawk moghtija mill-venditur u ghamel hiltu kollha biex jiccara dan u sahansitra cempel lill-venditur. Ir-rikorrenti jinsisti li li hu segwa l-istruzzjonijiet kollha moghtija mill-venditur.

Min-naha l-ohra Dr Anthony Sammut ghall-intimat jinsisti li l-batch ta' prodott in kwistjoni mibjugha lir-rikorrenti giet analizzata mill-produttur u rrizulta li ma kien fiha l-ebda difett. Hu jipprezenta wkoll zewg samples li jindika il-prodott applikat fuq madum nadif u fuq madum li ma giex imnaddaf fejn fuq dan tal-ahhar jinsisti li jkun hemm izjed cans li l-prodott ma jzommx.

**Ikkunsidra**

Illi l-attur ippremetta li l-prodott ma kienx idoneju għall-iskop li għalih inxtara u kif ukoll li huwa ġie żgwidat fuq l-użu tiegħu jew l-applikazjoni tiegħu. L-attur jinsisti li dan m'huwiex każ ta' difett fiż-żebgħa iżda li r-rapprezentanti tas-socjeta' intimata qalulu li l-prodott

tagħhom kien tajjeb sabiexb jintuża ghad-deck tal-pool, iżda minn imkien ma jirriżulta dan kollu. Ghall-kuntrarju, is-socjeta intimata ssostni li l-attur qatt ma qallhom li l-prodott riedu ghad-deck i#da li riedu ghall-pool u li kieku l-attur kien preciz f'dak li ghandu bzonn huma kienu jaghtuh prodott divers li huwa aktar adattat.

Illi ghalhekk fattur ewlieni f'din id-deċiżjoni jolqot il-*Product Labeling and Marketing* u cioe' kif il-prodott ġie ttikkettat u kkummerċjalizzat. Jekk it-tikkettar tal-prodott kien ambigwu jew qarrieqi rigward l-użu maħsub tiegħu, dan jista' jappoġġa l-pożizzjoni tal-attur. Fattur iehor huwa l-istruzzjonijiet ipprovduti u ghalhekk l-adegwatezza u ċ-ċarezza tal-istruzzjonijiet tal-applikazzjoni għandhom rwol kritiku. Jekk l-istruzzjonijiet ma jiddikjarawx b'mod espliċitu ghal xiex kien ddattat il-prodott, dan jista' jkun punt favur l-attur.

Illi minn naha l-ohra dan it-Tribunal irid ukoll jibbilancja d-dmir li jinkombi fuq l-attur li jistaqsi aktar dwar l-adattabilità tal-prodott għall-użu speċifiku tieghu, speċjalment f'kuntest fejn hemm uċuħ differenti bhal fil-kaz odjern fejn kien hemm Il-pool u d-deck area, li jistgħu b'mod raġonevoli jeħtieġu prodotti differentil; mad-dmir tal-bejjiegħ, bħala fornitur ta' prodotti specjalizzati bħal dawn, li jkollu għarfien espert u jipprovdi gwida jew kjarifika adegwata fil-punt tal-bejgħ.

Illi jidher li m'huwiex kontestat li l-attur inghata *product data sheet* u fil-waqt li l-ordni saret fit-8 ta' Mejju 2021, il-konsenja saret madwar disa' tijiem wara u ghalhekk dan it-Tribunal jaqbel mas-socjeta' konvenuta li l-attur kellu zmien bizejjed biex jintebah li l-prodott li kien ordna kien adattat ghal-pools u mhux ghad-deck tal-pool. Dak li dan it-

Tribunal irid jara huwa jekk dan huwiex bizejjed biex jezenta lis-socjeta konvenuta mir-responsabbilita'.

**Ikkunsidra**

Illi m'huwiex kontestat li l-prodott ma kellux difett izda ma lahaqx l-aspettattivi tal-attur stante li l-prodott li li ordna kien adattat għal pool u mhux għad-*deck.* Il-bejjiegħ huwa responsabbli biex jiżgura li l-prodotti tagħhom ikunu *labelled* b'mod ċar u biex jipprovdi informazzjoni preċiża fil-punt tal-bejgħ.

Filwaqt li l-prodott kien *labelled* b'mod korrett u l-bejjiegh ghadda *product data sheet* lill-attur, biss minħabba n-natura speċifika tal-prodotti użati fiż-żoni tal-pool u d-decks, kienet ir-responsabbiltà tal-bejjiegh li jaccerta u jivverifika l-adegwatezza tal-prodott għall-użu maħsub mill-klijenti tagħhom. Illi huwa mistenni Ir-responsabbiltà. Illi l-bejjiegħa ta' prodotti speċjalizzati ghandu jkollhom għarfien espert dwar l-użu tagħhom. F'dan il-każ, il-bejjiegħ għandu jkun konxju tar-rekwiżiti differenti għall-uċuħ tal-pool u d-deck u ghalhekk huwa raġonevoli li wieħed jistenna li bejjiegħ jiggwida lill-klijenti lejn il-prodott it-tajjeb, speċjalment f'suq speċjalizzat fejn il-konsumatur medju jista' ma jkollux għarfien dettaljat dwar l-adattabilità tal-prodott. Illi kull ma ried isir minn bejjiegh tal-affari tieghu huwa li jaghmel mistoqsija ta' kjarifik fil-punt tal-bejgħ biex jifhem il-ħtiġijiet tal-klijent.

Minn-naha l-ohra kif gja gie osservat, il-porodott kien *labelled* b'mod korrett u l-isem kellu jindika li kien prodott li jintuza ghall-pools. Fl-istess waqt, l-attur kellu fil-pussess tieghu ghal disa' tijiem shah id-*data sheet* tal-prodott u ghalhekk kellu kull opportunita li jintebah li dak li xtara ma kienx il-prodott li kellu bzonn. Ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehema li l-attur ghandu negligenza kontributorja.

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

**DECIDE**

Għal motivi senjalati dan it-Tribunal qiegħad parzjalment jilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` intimata tirrifondi l-ammont illikwidat *arbitro bon viri* ta' -somma ta' tlett mitt ewro (€300) fi żmien ħmistax-il jum mil-lum.

L-ispejjez ta' din is-sentenza a karigu tas-socjeta` intimata.

**Dr Martha Mifsud LL.D.**

**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070